MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru 457/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**JOSEPH BARTOLO**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Bartolo ta’ 54 sena, imwieled il-Gudja nhar is-27 ta’ Mejju, 1950, bin Fidiel u Saverja nee’ Seychell, residenti fil-fond numru 3, Triq il-Kbira, Sqaq numru 6, Gudja, detentur tal-karta tal-identita’ numru 498650 (M) ;

Akkuzat talli nhar it-8 ta’ Mejju, 2005, ghall-habta ta’ 11.00 hrs, fi Triq il-Kbira, gewwa l-Gudja, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi ghamel hsara fuq zewg vetturi tal-ghamla *Seat Ibiza* bin-

numru tar-registrazzjoni IAM 732 U LAU 649 rispettivament, liema hsara tiskorri il-hames mitt lira maltin, ghad-dannu tat-tifel tieghu Lauro, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat li l-vittma, Lauro Bartolo, li jigi t-tifel tal-imputat, ghazel li ma jixhedx f’dawn il-proceduri.

Ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------